MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2006

Numru. 38/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

v

**JOSEPH MEILAQ**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MEILAQ** ta' ghoxrin sena bin Raymond u Nazzarena nee Cachia, imwieled Pieta nhar t-tnejn ta' Gunju 1982 u residenti Block D, Flat 1, Triq il-Folklor, B'Bugia, detentur tal-karta tal-identita numru 306782M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Ghawdex, fil-hdax ta' Lulju 2002, u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li

jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn hamsin lira maltin izda mhux aktar minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Sandra Debono u Rose Anne Sultana.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Dicembru 2003 esibit a fol 8 tal-atti markat bhala dokument CSH sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta' Marzu 2006, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 29].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-istess seduta tas-sebgha ta' Marzu 2006 l-Qorti nnominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex thejji pre sentencing inquiry report dwar l-imputat.

Illi nhr l-erbgha ta' Mejju 2006 dehret s-Senior Probation Officer Miriam Sevasta w ippresentat u halfet r-relazzjoni

taghha li giet mmarkata bhala dokument PSIR [fol 36 et seq].

Illi minn ezami ta’ din r-relazzjoni jirrizulta li t-trobbija tal-imputat kienet wahda negattiva u l-agir tal-genituri tieghu halliet effett negattiv fuqu. Barra minn hekk stqarret li l-*parental skills* tal-genituri kienu u ghadhom limitati. Jirrizulta wkoll li l-imputat dahal l-isptar Monte Carmeli f’zewg okkazzjonijiet fis-sena 1999 u fis-sena 2000 u li l-habs qatt ma kien.

Jirrizulta wkoll li mill-fedina penali tal-imputat hu evidenti li kellu x’jaqsam mas-sistema gudizzjarja diversi drabi u dan fuq reati ta’ serq u frodi. Illi dan inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex ibiddel hajtu izda dan ma sehhx anzi hu kompla jirrepeti l-istess reati.

Illi minn informazzjoni migbura minnha mehuda minghand zewg Ufficjali tal-Probation hu evidenti li l-imputat mhux kandidat ideali sabiex jinghata sentenza fil-komunita b’supervizzjoni u dan minhabba l-fatt li hu ma jzommx kuntatt kif ikun mitlub minnu. Illi ghalkemm l-imputat huwa konxju ta’ ghemilu, sfortunatament hu jinfluwenza ruhu fin-negattiv minn dak li jghidlu haddiehor. Illi l-istess Senior Probation Officer Miriam Sevasta talbet lil Qorti tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatti kif wkoll l-fatt li l-imputat jibbenefika minn servizz sabiex hu jigu ghenut fil-problema mentali li hemm ezistenti.

Il-Qorti ezaminat l-atti u rat li l-kaz huwa wiehed pietuz hafna u l-flus li l-imputat kien qed jigbor minghand terzi taht l-iskuza li kien qed jigbor ghal handikappati kien f’ammont zghir hafna u skond l-istqarrija rilaxxjata minnu stess, dawn kien qed juzhom sabiex jixtri x’jiekol bihom.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’dan kollu l-Qorti ma thossx li l-piena ghandha tkun wahda karcerarja effettiva.

Il-Qorti trid tikkreja bilanc bejn l-gustizzja li trid taghmel mal-imputat w id-drittijiet li ghandha s-socjeta li ma tigix defrodata w ingannata minn membru taghha stess w ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi, thoss li l-piena idoneja

ghandha tkun dik ta' prigunerija sospiza sabiex il-piena sservi ta' mannara imdendla fuq ras l-imputat u l-effetti taghha jkunu biss jekk l-imputat iwebbes rasu u jikkommetti reat iehor f'dan il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Dwar il-quantum ta' piena karcerarja, il-Qorti hija rinfaccata b'sitwazzjoni xejn felici u dan ghaliex tezisti anomalija fil-ligi fir-rigward tal-ghoti ta' piena.

L-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar r-reat ta' frodi b'ghemil qarrieqi u meta xi persuna tinstab hatja ta'dan r-reat, jehel l-piena ta' prigunerija minn sebgha xhur sa sentejn.

L-artikolu 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar skala ta' piena skond l-ammont ta' hsara fir-reat ta'frodi b'ghemil qarrieqi. F'dan l-istess artikolu 310, hemm gradazzjoni fil-piena skond l-ammont ta' hsara.

Is-sub artikolu (1) (d) tal-artikolu 310, jipprovdi ghal piena meta l-hsara ma teccedix l-hames liri maltin; is-sub artikolu (1)(c) jipprovdi ghal piena f'kaz li l-hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin; is-sub artikolu (1)(b) jipprovdi ghal piena meta l-hsara teccedi l-mitt lira maltin u ma teccedix l-elf lira maltin filwaqt li s-sub artikolu (1)(a) jipprovdi ghal piena ghal hsara li teccedi l-elf lira maltin.

F'dan il-kaz li jirizulta li l-hsara tammonta ghal sittin lira maltin u dan minn dak li ammetta l-imputat stess fl-istqarrija li hwa rrilaxxja li ma hu kontradett minn hadd, u dan l-ammont ma jaqa taht l-ebda gradazzjoni fuq imsemmija.

Konsegwentement il-Qorti sejra tapplika s-sub artikolu 310(1)(c) u cioe dik l-aktar favorevoli ghal imputat liema piena hija dik applikabbli ghal hsarat li ma jeccedux l-ghaxar liri maltin.

Il-piena applikabbli f'dan il-kaz m'ghandhiex tkun aktar minn tlett xhur prigunerija. Issa, peress li l-hsarat

kagjonati jammontaw ghal sittin lira, il-Qorti thoss li ghandha tapplika il-massimu ta' tlett xhur prigunerija.

**Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH MEILAQ hati tal-akkuza li ddefroda lil Sandra Debono u lil Rose Anne Sultana fl-ammont ta' sittin lira maltin u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' tlett [3] xhur sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati sabiex din l-anomalija fl-ghoti ta' piena ghal dan r-reat ta' frodi tigi ndirrizzata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------